# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 18**

**Avviz numru 159/02**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmelo Bartolo abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l–istess Carmelo Bartolo**

**vs**

**Stephen Pace**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1066.14 (elf u sitta u sittin lira Maltin u erbatax il-centezmu) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Carmelo Bartolo, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici

Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) kif ukoll disgha u sittin Lira maltin (Lm69.00) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Carmelo Bartolo, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Dicembru 2000 ghall-habta ta' 3.00p.m. gewwa Triq Wied il-Ghasel, Burmarrad, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Carmelo Bartolo, bin-numru ta' registrazzjoni CAR 551 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni FAU 031, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 13 ta' Marzu 2001, u dik li intbaghtet lill Avukat Generali, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' 13 ta' Marzu 2001 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Ra l-atti kollha esebiti;

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn Dr Elaine Ellul;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas s-somma ta' Lm1066.14 (elf u sitta u sittin Lira Maltin u erbatax il-centezmu) danni konsegwiti fil-kollizzjoni de quo. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**